MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 180/2003

**Joseph u Alexandra konjugi Bonanno**

**vs**

**Francis Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm353.20) danni, u prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-habta bejn Ford Escora numru BAO-714 (vann) misjuqa mill-attur u l-vettura numru DAR-013 misjuqa mill-konvenut u dana f'Birkirkara fl-10 ta' Novembru, 2002;**
**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira Maltita u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' ittra u konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ai**

**termini tal-kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Frar, 2003, li fiha ntqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Joseph Bonanno, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 950 Alan Buhagiar, Joseph Bonanno, Francis Abela u Maria Concetta Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Novembru, 2002, fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, bejn il-vettura BAO-714 misjuqa mill-attur u l-vettura DAR-013 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Il-konvenut kien ghaddej fi Triq in-Naxxar gej mid-direzzjoni tal-Mosta sejjer fid-direzzjoni ta' Birkirkara, u meta wasal hdejn "Falzon Petrol Station" ried jaqsam il-karreggjata biex imur jiehu l-petrol. L-attur kien gej minn Triq Papa Urbanu VIII li tferra ghal go Triq in-Naxxar biex imur fid-direzzjoni tal-Mosta. Hekk kif il-konvenut kien qed jikser biex imur ghall-pompa tal-petrol, l-attur hareg minn Triq Papa Urbanu VIII u saret il-kollizzjoni.**

**3. L-attur garrab dan fuq il-kantuniera tax-xellug ta' quddiem, fuq il-bumper, il-fanal, l-indicator u l-bonnett, filwaqt li d-danni fil-vettura tal-konvenut kienu fil-mudguard u l-bieba tax-xellug in-naha ta' quddiem.**

**4. Iz-zewg sewwieqa jghidu li waqfu u li harsu qabel ma ghamlu il-manuvra li kellhom jaghmlu. Jirrizulta li l-konvenut kellu l-indicator mixghul.**

**5. It-Tribunal qed jaghti hafna piz ghax-xhieda ta' Maria Concetta Abela, li tigi mart il-konvenut. Din**

**ikkonfermat li l-konvenut kien waqaf, u li kien wara li dan beda miexi li hi rat il-vettura tal-attur hierga minn Triq Papa Urbanu VIII. Pero` hi tghid li waqt li hiereg ghal go Triq in-Naxxar, l-attur kien qed ihares fid-direzzjoni ta' Birkirkara, u li dana baqa' gej ghal fuqhom filwaqt li l-konvenut kien ghadu miexi.**

**6. Ghalhekk jidher li l-attur kien principalment responsabbli ghall-incident li sehh, in kwantu dan, waqt li kien hiereg ghall-go triq principali ma kienx attent ghall-manuvri tat-traffiku li kien hemm fid-direzzjoni il-fejn ried jimxi. Mil-lat l-iehor lanqas ma jista' jinghad li l-konvenut ma ghandu ebda responsabilita` ghall-incident peress illi dan gie allarmat bil-periklu u xorta baqa' miexi. Pero` fil-fehma tat-Tribunal il-grad ta' diligenza f'dan il-kaz kien ferm aktar jinkombi fuq l-attur milli fuq il-konvenut, u konsegwentement qed izomm lill-attur responsabbli ghall-incident fi grad ta' tlett kwarti, u lill-konvenut fil-grad ta' kwart.**

**7. Id-danni rizultanti mill-incident fil-vettura ta' l-attur kienu jammontaw ghall-tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm353.20), u konsegwentement il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija u tletin centezmu (Lm88.30).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni il-konvenut kien jahti biss fi grad ta' kwart, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltita u tletin centezmu (Lm88.30), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' tmienja u tmenin lira Maltita u tletin centezmu (Lm88.30), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum, salv kull dritt ta' l-istess konvenut fil-konfront ta' l-attur.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-atturi u kwart mill-konvenut.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------